Ħbiebi jaqbżu għalik,
It-tfal kollha ta l-iskola tiegħi
Ħadd ma jħallik,
Bambin ħelu u ħanin,
L-appuntament ġa sar
Għall-25 ta' dan ix-xahar,
F'din id-dar.
(Mela f'dak l-Għar!)

Jien ma norqodx,
Jien nistenniek:
Ejja, ejja għandi,
Ejja, Bambin!

**ALBERT M. CASSOLA.**

## NIFIRĦU

Nifirħu lil Ġorġ Pisani, membru ta' l-Akkademja, li rebaħ l-International Literary Award, bi premju ta' £M500, bir-rumanz tiegħu *Beraq u Qawsalli*. Dan ix-xogħol, li kien milqugħ tajjeb ħafna mill-kritika, huwa l-ewwel rumanz li qatt kiteb Pisani.

# JIRTIRA ĦABIB TAL-MALTI FL-AWSTRALJA

**Rapport minn Korrispondent**

Il-Professur Colin MacLaurin, ex-kap tad-Dipartiment ta' l-Istudji Semitiċi fl-Università ta' Sydney, ħalla l-kariga tiegħu f'idejn ħaddieħor wara li rtira mis-servizz attiv bħala lettur akkademiku distint ta' din l-Università ewlenija.

Kien ilu jgħallem f'din id-Dar tat-Tagħlim sewwasew 32 sena u, bħala wieħed mill-aktar membri anzjani ta' din il-ġemgħa ta' għorrief, l-Università għoġobha tonorah is-sena l-oħra, billi semmiet waħda mis-swali tagħha f'ġieħu: il-Mac Laurin Hall.

Il-Ġurnal Awstraljan ta' l-Arkeoloġija Biblika, maħruġ mill-istess Università, fl-1972 ukoll weġġaħ lil dan il-professur meta ddedika tmien paġni għall-ħajja akkademika brillanti tiegħu.

Ta' min ikun jaf li l-Professur MacLaurin huwa speċjalista fil-linja tiegħu filli huwa studjuż ta' l-Ilsien Ugaritku, wieħed mill-ilsna semini tal-qedem li llum ma għadux mitħaddet. Barra minn hekk, huwa wkoll arkejologu u studjuż bibliku. Il-gradi akkademiċi tiegħu, li ħadhom minn Cambridge, huma Baċellerat fl-Arti, Baċellerat fid-Divinità u Mastru tal-Arti. Fid-Dipartiment tiegħu, il-letturi għandhom il-kapaċità kollettiva li jgħallmu dawn l-ilsna semitiċi: Għarbi, Ebrajk, Aramajk, Akkadjan, Feniċju, Sanskrit u Ugaritku.

Billi dal-professur ilu bosta jaħdem minn wara l-kwinti għall-Maltin, u pprova fl-ogħla oqsma governattivi biex idaħħal il-Malti fil-kurriklu ta' l-iskejjel u fl-Università, inħatar Kavallier Gran Kruċ ta' l-Ordni Sovrana ta' Sant'Agata dei Paternò. Huwa kien dejjem minn ta' quddiem biex igħin lill-Maltin fit-talba ġusta tagħhom, bil-ħeġġa kontinwa tal-ħabib tiegħu Bin-Bovingdon, imigrant Malti. Huwa qatt ma naqas li jitkellem għall-Malti fejn deherlu xieraq. Saħansitra wasal biex kiteb lill-Gvern ta' Malta, u talbu javviċina l-Libja biex titwaqqaf Sedja tal-Malti fl-Università ta' Sydney.

Huwa b'dispjaċir ġo qalbna li nsellmu lil dan il-ħabib għaref u siewi ta' Malta u l-Maltin. Sħabu l-akkademiċi tad-Dipartiment li tiegħu kien il-Kap, b'mod speċjali Dr. Carter u Dr Jobling, huma ferm konxji mit-tqanqil għat-tagħlim tal-Malti fil-komunità, hawn tiswa l-ħerqa tas-Sur R. Bin-Bovingdon, li qatt ma jħallihom kwieti u li f'kull opportunità li jsib jara kif idaħħal il-Malti. Il-korrispondent tagħna huwa l-uniku membru Malti ta' l-Arabic Society of Sydney